# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 541

Il-Ġimgħa, 21 ta' Jannar, 2022

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻAT:

Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-laqgħa.

## 541.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

541.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa(5p.m.) ta' filgħaxija. Intqalgħet it-talba tal-bidu. Wara d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija mibgħuta mingħand is-Sur Frankie Attard u l-Membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija rispettiva.

## 541.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

541.2.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv rispettivament.

## 541.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

541.3.1 Is-Sindku Mario Azzopardi ta merħba lill-Membri preżenti għal din l-ewwel Laqgħa tas-Sena l-Ġdida filwaqt li ġedded l-impenn tiegħu u tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem favur ħidma inċessanti favur il-Lokalità ta' Ta' Kerċem u Santa Luċija b'mod speċjali sabiex jiġu solvuti l-problemi endemiċi marbuta mal-problema tat-trakkijiet u l-impenn sabiex ir-rotta alternattiva kif proposta mill-Kunsill Lokali Ta' Kerċem titwettaq malajr kemm jista' jkun, kif ukoll ġedded l-impenn tiegħu sabiex din is-sena ukoll jitwettaq il-proġett ambizzjuż u tant mixtieq mill-Kunsill Lokali Ta' Kerċem li huwa r-riġenerazzjoni ta' Pjazza San Girgor kif ukoll elenka numru ta' proġetti ambizzjużi oħra li għaddejja bħalissa jew mistennija jinbdew fil-ġranet li ġejjin u li huma mistennija li jitwettqu b'suċċess din is-sena li għadha kif bdiet.

541.3.2 Għaldaqstant, is-Sindku rringrazzja f'ismu u f'isem il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem lill-Ministru għal Għawdex, il-Perit Clint Camilleri tal-Laqgħa kordjali u ta' success li nżammet fil-Ministeru għal Għawdex proprju nhar l-Erbgħa, 19 ta' Jannar, 2022, sabiex tiġi diskussa r-rotta alternattiva għat-trakkijiet ġewwa l-Lokalità u li għaliha kien attenda hu flimkien mal-Kunsillier Alvin Grech u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv George Refalo flimkien mal-Perit Deborah Busuttil u fil-preżenza tad-Direttur Ġenerali Vicky Xuereb fejn filwaqt li ġiet spjegata fid-dettall ir-rotta alternattiva kif proposta mill-Kunsill Lokali Ta' Kerċem, il-Ministru wiegħed li din ir-rotta ser tiġi nkluża fil-proġett tal-Ministeru għal Għawdex, *Rural Gozo* bil-għan li jitranġaw numru ta' toroq rurali nkluż żewġ toroq oħra ġewwa l-Lokalità Ta' Kerċem, kif ukoll

ma sabux oġġezzjoni għall-proposta tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem li għandu jkun ikkummissjonat Rapport xjentifiku li filwaqt li jidentifika u jelenka l-problemi li r-residenti ta' Ta' Kerċem qegħdin u ilhom żmien isoffru, ir-Rapport għandu jinkludi ukoll studji xjentifiċi dwar l-impatti soċjali u ambjentali li dan it-traffiku qiegħed ikollu fuq il-kwalità tal-ħajja tar-residenti kif ukoll fuq il-Lokalità kollha ta' Ta' Kerċem, flimkien ukoll ma' Rapport tal-Perit dwar l-impatt tat-trakkijiet fuq l-infrastruttura tat-toroq tal-Lokalità, u li meta kien diskuss il-finanzjament globali tiegħu, ġie maqbul li għandha ssir talba uffiċjali lid-Direttur Ġenerali tal-Ministeru għal Għawdex sabiex ikun ikkunsidrat il-finanzjament ta' dan ir-Rapport tant meħtieġ kemm għal din ir-rotta alternattiva kif proposta kif ukoll sabiex meta jiġu ppjanati x-xogħolijiet ta' bini mill-ġdid ta' Pjazza San Girgor, jittieħed in kunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-Rapport bit-tama li x-xogħolijiet ta' kostruzzzjoni mill-ġdid ta' din il-Pjazza jsiru tajjeb ħafna u li jifilħu għall-volum ta' traffiku li jgħaddi fil-preżent u li mistenni jgħaddi fil-futur.

541.3.3 Għalhekk, is-Sindku ħabbar ukoll li, issa li r-rotta alternattiva tgawdi l-appoġġ tal-Ministru u l-Ministeru għal Għawdex, għandhom jinżammu Laqgħat ta' konsultazzjoni mar-Residenti ta' Ta' Kerċem u Santa Luċija, sabiex kulħadd ikun infurmat b'din ir-Rotta alternattiva filwaqt li jkun spjegat lilhom il-proġett, kif ukoll ikunu mistiedna jressqu l-opinjoni tagħhom dwar dan il-proġett tant mistenni qabel ma jinħarrġu l-applikazzjonijiet għax-xogħolijiet sabiex ikun aċċertat u assigurat li din ir-rotta verament issolvi l-problemi endemiċi tat-trakkijiet fil-qalba tal-Lokalità fl-aħjar interess tar-residenti u ta' kull minn jopera fil-Lokalità Ta' Kerċem.

541.3.4 Wara diskussjoni pjuttost twila minħabba s-sensitività ta' dan il-proġett tant mistenni ġewwa l-Lokalita' ta' Ta' Kerċem u Santa Luċija, is-Sindku kompla billi għarraf lill-Membri preżenti li dakinhar stess il-Kunsill kien infurmat li tħabbret Skema ta' Finanzjament 2022 *Urban Greening Scheme* minn Ambjent Malta fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar fejn jistiednu lill-Kunsill Lokali kollha sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet rispettivi tagħhom sat-Tnejn, 28 ta' Frar, 2022 kif ukoll sabiex jipparteċipaw f'żewġ sessjonijiet ta' tagħrif li mistennija jinżammu appositament sabiex jingħata aktar tagħrif – Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt ġie propost li kemm-il darba l-ko-finanzjament għal dawn il-proġetti huwa kopert u għalhekk dawn l-iskemi huma finanzjarjament vijabbli, il-Kunsill għandu jikkunsidra li japplika sabiex tissebbaħ il-parti tal-wied li hemm maġenb Triq Qasam San Ġorġ kif ukoll il-ħitan li għadhom kif ġew mibnija mill-ġdid.

541.3.5 Is-Sindku informa lill-Membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva llum ukoll Ċirkulari SPI/SCI/1/2022 mibgħuta u maħruġa mingħand id-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni tal-*Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 17 ta' Jannar 2021 dwar l-iSkemi Finanzjarji SPI/SCI/1/2022 - Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex, u li hija simili għall-iSkemi Finanzjarja SPI/SCI/2/2021 kif ippubblikata s-sena l-oħra u li għaliha l-applikazzjoni sottomessa kienet ġiet meqjusa mhux eliġibbli skont Artiklu

6.7. tal-istess Skema mill-Bord tal-Evalwazzjoni u li l-Kunsill Lokali kien talab kjarfika li sal-lum kien għadu ma rċieva l-ebda risposta - Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li ġie deċiż li abbażi tal-kjarifika mogħtija mill-istess Direttorat, il-Kunsill Lokali għandu jikkunsidra jekk japplikax għall-istess proġett tal-*Playing Field* fil-Kumpless Sportiv Raymond Mercieca jew jissottometti proġett ġdid ġaladarba d-data ta' sotttomissjoni tal-applikazzjonijiet hija l-Ġimgħa, 29 ta' April, 2022

541.3.6 Is-Sindku għarraf lill-Membri preżenti ukoll li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari SPI/SCI/9/2021 mibgħuta u maħruġa mingħand id-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni tal-*Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 28 ta' Diċembru 2021 dwar Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022 – Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li wara diskussjoni interessanti nstab li minħabba l-inċertezza li għad fadal kawża tal-Pandemija Covid-19, għadu pre-matur sabiex jiġu deċiżi l-attivitajiet li jistgħu jinżammu.

541.3.7 Is-Sindku għarraf lill-Membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva rikjesta mingħand iċ-*Chief Policy Officer* tal-*Energy and Water* Agency u datata 20 ta' Diċembru, 2021 fejn filwaqt li jħabbru li l-istess Aġenzija qiegħda bħalissa timplimenta proġett li bih timmoniterja l-ilma tal-pjan sabiex ittejbu, tavża li f'diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex ġie identifikat sit ġewwa l-Lokalità ta' Ta' Kerċem fejn jista' jinżamm dan il-bir għall-moniteraġġ u għalhekk qiegħda titlob lill-Kunsill Lokali Ta' Kerċem jikkunsidra li jsir bir ħdejn Għajn Abdun - Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li wara diskussjoni interessanti fejn id-Deputat Segretaju Eżekuttiv spjega kif kienet intalbet Laqgħa mal-istesss Aġenzija li nżammet ftit tal-ġranet ilu sabiex jiġi spjegat aktar dan il-Proġett fl-istess waqt li spjega eżatt dak kollu li jirrikjedi dan il-proġett inkluż l-installazzjoni ta' *water meter* ma' Għajn Tuta ġaladarba ser isir xogħol ta' restawr grazzi għall-Proġett tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex, il-Membri qabblu li huma ma jsibux oġġezzjoni għal dan il-Proġett kif qiegħed jiġi propost mill-istess Aġenzija u dan sakemm jinġabu l-permessi u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa mingħand l-Awtorijiet rispettivi qabel ma jinbdew ix-xogħolijiet neċessarji kollha marbuta ma' dan il-bir ta' moniteraġġ kif propost.

541.3.8 Il-Kunsill kien irċieva ukoll *E-mail* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn tinfurmah li kienet ġiet mgħoddija l-ewwel *tranche* mill-Allokazzjoni Finanzjarja mogħtija lill-Kunsill Lokali Ta' Kerċem għas-sena finanzjarja 2022 li tammonta għall-€77,433.00ċ - Il-Kunsill innota l-kontenut.

541.3.9 Il-Kunsill kien irċieva *E-mail* Ċirkulari AKL 2022/009 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 1 ta' Diċembru, 2021 fejn tavża li l-Laqgħa Plenarja tal-istess AKL kienet mistennija tinżamm il-Ġimgħa u s-Sibt, 4 u 5 ta' Marzu, 2022 f'post li għadu jrid jiġi kkonfermat – Il-Kunsill innota l-kontenut.

541.3.10 Il-Kunsill kien irċieva ukoll *E-mail* Ċirkulari AKL 2022/010 mibgħuta ukoll mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 19 ta' Jannar, 2022 fejn tagħti tagħrif

dwar il-*European Capitals of Inclusion and Diversity Award* li qiegħed jiġi varat għall-ewwel darba u li għalih jistgħu jipparteċipaw il-Lokalitajiet kollha fi ħdan l-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea – Il-Kunsill innota l-kontenut.

541.3.11 Fl-aħħar is-Sindku informa lill-Membri preżenti l-Kunsill kien irċieva ukoll *E-mail* stedina mingħand id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u datata 13 ta' Jannar 2022 fejn b'rabta mat-tfassil tal-programm tal-Għid f'Għawdex tas-sena 2022, tisieden lill-Kunsilli Lokali u l-Għaqdiet tal-Lokalità fi ħdanhom sabiex jibagħtu l-proposti tal-avvenimenti tagħhom li biħsiebhom jorganizzaw matul dan iż-żmien, bid-dettalji meħtieġa sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 7 ta' Frar, 2022 - Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li s-Sindku għarraf lill-Membri preżenti li din l-istedina kienet intbagħtet lill-Għaqdiet kollha tal-Lokalità għall-attenzjoni u l-kunsiderazzjoni tagħhom.

## 541.4 L-Introduzzjoni tal-*Community Policing*

541.4.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li Illum kienet inżammet Laqgħa ġewwa l-Kunsill Lokali Ta' Kerċem dwar l-Introduzzjoni tal-*Community Policing* ġewwa l-Lokalità ta' Ta' Kerċem u Santa Luċija fejn għaliha kienu attendew is-Supretendent tal-Pulizija tad-Distrett ta' Għawdex Joseph Hersey, l-Ispettur Gabria Gatt, il-Konsulent Chris Bull flimkien mal-Uffiċjali tal-Pulizija li ser iservu fil-Lokalità ta' Ta ' Kerċem u Santa Luċija fejn ukoll ġew diskussi l-iżviluppi li kien hemm b'rabta mal-proposta tar-rotta alternattiva kif ukoll problemi oħra fil-Lokalità.

541.4.2 Is-Sindku bi pjaċir ħabbar ukoll kif wara li l-*Community Policing* jiġi varat f'kull Lokalità ta' Għawdex, l-Uffiċjali assenjati ma' kull Lokalità mistennija jindew il-ħidma tagħhom filwaqt li jduru mal-Lokalità sabiex jintroduċu lilhom infushom, jitkellmu mar-residenti, jinfurmawhom dwar il-ħidma tagħhom kif ukoll jagħtuhom id-dettalji fejn kull resident ikun jista' jikkomunika magħhom f'każ ta' bżonn jew biex jirraporta xi inċident.

## 541.5 Il-Proġett WI-FI4EU

541.5.1 Is-Sindku Mario Azzopardi bi pjaċir ħabbar ukoll kif il-Kusnill Lokali Ta' Kerċem kien ikkuntattjat mill-Kumpanija Solution-L Ltd li lilha ġie assenjat il-Proġett WI-FI4EU li jikkonsisti fl-installazzjoni ta' numru ta' *Wireless Access Points* (WAP) madwar il-Lokalità ta' Ta' Kerċem u Santa Luċija u f'żoni frekwentati mill-pubbliku sabiex il-Lokalità jkollha WAP's li jipprovdu aċċess garantit u kontinwu u tajjeb u ħafna aħjar minn dak diġà mogħti u li l-instlallazzjoni qiegħda tingħata bla ħlas għax hija ffinanzjat minn Proġett apposta tal-Unjoni Ewropea u li l-Kunsilli Lokali huma

mitluba biss jidentifikaw l-aħjar postijiet fejn għandu jingħata dan is-servizz u sakemm huma attrezzati bi provvista ta' dawl u *internet*.

541.5.2 Is-Sindku filwaqt li nforma ill-Kunsill li fil-bidu tas-sena kienet inżammet Laqgħa ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill fejn ġie spjegat dan il-proġett kif ukoll f'dak kollu li jikkonsisti, ġew identifikati numru ta' postijiet madwar il-Lokalità ta' Ta' Kerċem u Santa Luċija kif ukoll saret żjara f'dawn il-postijiet identifikati sabiex jiġi stabbilit jew mod ieħor l-aħjar siti.

541.5.3 Is-Sindku nforma lill-Membri preżenti li mill-ispezzjoni li nżammet instab li l-postijiet idonji fejn jistgħu jiġu nstallati dawn il-WAP's li l-aktar li jistgħu jammontaw huma għal-għaxra(10) huma Pjazza San Girgor, erbgħa(4) fi Pjazza Orvieto inkluż iċ-Ċentru Ċiviku u l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Pjazza Santa Luċija, Pjazza Salvotore Busuttil, tnejn(2) fejn ser isir Playing Field fil-Kumpless Sportiv Raymond Mercieca u tnejn(2) fi Ġnien il-Familja.

## 541.6 Offerti tal-Kunsill Lokali

541.6.1 B'rabta mal-Offerti kif ippubblikati mill-Kunsill, is-Sindku informa lill-Membri preżenti li dik tar-restawr tan-Niċċa tal-Madonna tal-Patri fi Triq Qasam San Pawl, inżamm *site meeting* fuq il-post mal-Perit u l-Kuntrattur sabiex eventwalment ġie ffirmat il-Kuntratt tant li mistennija jinbdew ix-xogħolijiet mill-Kuntrattur Stefano Sferrazzo, fil-ġranet li ġejjin wara li nħasset il-ħtieġa li jinżamm *meeting* ieħor mas-Supretendent tal-Wirt Kulturali u tingħata l-approvazzjoni tax-xogħolijiet; fir-rigward tal-Offerta għar-restawr tal-Għajn ta' Għajn Tutà, din kienet ġiet ukoll evalwata u fil-ġranet li ġejjin mistenni jinżamm *site meeting* ukoll fuq il-post mal-Perit u l-Kuntrattur sabiex eventwalment jiġi ffirmat il-Kuntratt u eventwalment mistennija jinbdew ix-xogħolijiet mill-Kuntrattur Sultech & Co fil-ġranet li ġejjin wara li jinżamm *site meeting* ukoll mas-Supretendent tal-Wirt Kulturali u tingħata l-approvazzjoni tax-xogħolijiet; filwaqt li l-offerta għall-provvediment ta' Tinda kienet għalqet u kien hemm Offerent wieħed li huwa TEC Ltd u li l-evalwazzjoni kienet għadha mhux konkluża minħabba li ntalbu xi kjarifiċi u Ii r-Rapport mistenni jkun konkluż u sottomess fil-ġranet li ġejjin; mentri b'rabta mal-Offerti l-ġodda u separati għall-ġnien/park ġewwa l-Għadira ta Sarrafflu, dawn l-offerti għalqu fit-12 ta' Jannar, 2021 u fir-rigward tax-xogħolijiet il-Kunsill kien irċieva żewġ Offerti li waħda kienet tissupera l-Baġit filwaqt li l-oħra kienet mal-baġit allokat u għalhekk il-Membri ħattru l-Bord tal-Evalwazzjoni li huma *Chairman* is-Sur William Sultana, u l-Membri l-Perit Robert Grech, Dr Joshua Grech u s-Sur Daniel Galea; filwaqt li minħabba li għall-Offerta tal-apparat tal-istess Proġett, il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda Offerta, il-Membri qabblu li din l-Offerta għandha terġa' tiġi ppubblikat bit-tama li jinstab offerent interessat f'dan il-proġett tant mistenni.

## 541.7 *Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u l-Impjegati tal-Kunsill għas-sena 2021

541.7.1 Is-Sindku Mario Azzopardi filwaqt li fakkar kif fl-ewwel Laqgħa tal-Kunsill li tinżamm fis-sena l-ġdida, huwa mistenni li jitressaq għall-approvazzjoni jew mod ieħor tal-Kunsill Lokali l-*performance appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u l-Impjegati tal-Kunsill Lokali, inżammet diskussjoni fejn ġew evalwati l-ħidmiet ta' kull impjegat filwaqt li l-Membri qabblu li kull impjegat jistħoqqlu li jingħata l-massimu skont il-kariga li jokkupa filwaqt li tennew l-impenn li kull impjegat għandu jiddedika fl-aħjar interess tal-Kunsill Lokali u l-Lokalità ta' Ta' Kerċem u Santa Luċija u r-Residenti kollha li jgħixu jew jiffrekwentaw il-Lokalità.

## 541.8 Ilmenti u Suġġerimenti

541.8.1 Is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex jitwaħħlu *bollards* fi fi Sqaq Numru 1 li jinsab fi Pjazza San Girgor - Il-Kunsill ikkunsidra li fil-Pjazza huwa mistenni li jsir proġett ta' riġenerazzjoni u li għalhekk din it-talba ġiet milqugħa u li dawn għandhom jiġu nklużi ukoll fil-proġett kif ippjanat.

## 541.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

541.9.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 541.10 Materji Oħra

541.10.1 Is-Sindku informa lill-Membri preżenti li ma kienx hemm materji oħra għad-diskussjoni għajr li hu u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv li huwa ukoll is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, kienu ser jattendu għaċ-Ċerimonja tal-Inawgurazzjoni tal-Mandat u l-Għoti tal-Ġurament tal-President tar-Reġjun Għawdex, Dr Samuel Azzopardi li kienet ser tinżamm dakinhar ukoll ġewwa iċ-*Cittadella Cultural Centre* li jinsab ġewwa ċ-Cittadella ta' Għawdex, fil-Belt Victoria.

## 541.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

541.11.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022 fil-5pm. ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi | George Refalo |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |